## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 346/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Dione Lautier**

Seduta tal-26 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Dione Lautier, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 14673G quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-19 ta' Lulju 2016, f'xi hin bejn 16.45hrs u 17.30hrs, waqt li kien qieghed fi Pjazza San Gorg, Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Frank Tabone, hekk kif iccertifika Dr. Michael Refalo M.D. mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u glied;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmi Frank Tabone u l-familja tieghu billi minnufih tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412 C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa, kif ukoll tipprovdi sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku billi flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tkun ffisata mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Lulju, 2017 li biha sabet lill-imputat Dione Lautier hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u kkundannatu ghal perjodu ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienu sospizi ghal tlitt (3) snin u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghdet lill-Dione Lautier taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Francis Tabone ghal perjodu ta' tlett (3) snin skond digriet anness mas-sentenza;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Dione Lautier ,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Lulju, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **thassar u tirrevoka** fl-intierita taghha s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija u subordinament li **tvarja** l-piena nflitta billi tirriduci t-terminu ta' prigunerija sospiza mpost u tirriduci wkoll il-perjodu operattiv tas-sentenza jew inkella timponi ordni taht xi wiehed mill-artikoli tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta jew inkella timponi xi piena ohra aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami illi l-ewwel Qorti skartat il-linja difensjonali tieghu tal-legittima difesa u dik tal-provokazzjoni minghajr ma ghamlet ezami approfondit tal-provi. B'mod sussidjarju, l-appellant jikkwerela l-piena erogata bhala wahda eccessiva. L-ewwel aggravju ghalhekk jirrikjedi ezami akkurat tal-atti processwali bil-ghan li din il-Qorti tkun f'qaghda tiddeciedi jekk l-ewwel qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolament tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha;

2. Dan l-ezami, jassumi **importanza** aktar gravuza f'dan il-kaz partikolari ghas-segwenti raguni. Mit-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet finali tal-abbli difensuri a fol 155, jemergi illi waqt illi d-difensur tal-appellant kien qed jaghmel l-esposizzjoni tieghu dwar it-tezi li l-appellant kien qieghed jiddefendi ruhu mill-aggressjoni tal-parte civile, il-Magistrat decident interrompa is-sottomissjoni u esprima ruhu bil-mod segwenti: "*Ahna qeghdin fil-kwisjtoni tal-artiklu 218, jigifieri l-Qorti ghandha bejn disa xhur u disa' snin, tajjeb? Issa, b'dak li qed tghid int jien ha nikkalibra, tajjeb? Jien bihsiebni ntih suspended sentence, biex inkun car, mhux ha niftghu gewwa. Ghalkemm zmien il-cowboys spicca. Jien dakinhar l-intenzjoni tieghi nitghu [nitfghu] gewwa kienet, gewwa gewwa. Pero' nahseb li ma ha nsolvu xejn, Intih il-prigunerija sospiza bil-protection order, tajjeb, li hemm bzonn*";

3. L-appellant ma rregistra ebda aggravju dwar dak appena

citat hlief fis-sottintiz tieghu li l-ewwel Qorti skartat il-linja difensjonali tieghu minghajr ma ghamlet ezami approfondit tal-provi. Din il-Qorti, izda, bhala Qorti ta' Appell, ma tistax tghalaq ghajnejha ghal dak li jista' possibilment iwassal ghall-percezzjoni indesiderata f'dan il-kaz. Id-domanda ta' din il-Qorti hi proprju ghaliex l-appellant ma ssolleva ebda opposizzjoni jew eventwali aggravju f'dan is-sens? Jista' jkun hemm diversi twegibiet ghal dan, izda dak li jippreokuppa lil din il-Qorti bhala wahda ta' revizzjoni hu li ma thosshiex serena fil-gudizzju taghha jekk ma tirregistrax l-opposizzjoni taghha ghal-dikjarazzjonijiet bhal dawn fi stadju meta l-process ghadu haj, meta ma hemmx ammissjoni u allura l-imputat ser jitlaq mill-awla bil-konvinciment li d-difiza tieghu hija wahda inutili;

4. Din il-Qorti tosserva ukoll illi minkejja li is-sentenza appellata titkellem f'diversi pagni, <u>frankament inutili ghar-rizoluzzjoni tal-kwisjtoni,</u> dwar Konsiderazzjonijiet Legali Generali, inkluz allura "prinicpji kardinali li jsawwru l-procedimenti penali" (fol 5), l-ewwel Qorti ghaddiet minnufih biex tikkonsidra id-difiza tal-provokazzjoni u b'hekk injorat dik il-parti tad-difiza li kien l-parte civile li aggredixxa lill-appellant u tah daqqa fi snienu meta imbaghad ghadda biex jiddefendi ruhu l-appellant. Kien ikun ferm aktar desiderabbli li kieku l-ewwel Qorti, minflok tinhela fuq deskrizzjoni ta' principji legali b'mod preliminari u xejn marbuta mal kaz in dizamina, taghti l-motivazzjonijiet taghha ghaliex ikkonkludiet fl-ewwel lok li mill-assjem tal-provi kien l-appellant li aggredixxa lill-parte civile;

5. Ventilat dan, ghandu logikament isegwi ezami tal-fatti kif jinsabu rakkolti fl-atti processwali. Izda din il-Qorti tinnota illi fil-parti deciziva tas-sentenza, l-appellant instab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u l-Qorti indikat *inter alia* ksur tal-artikolu 217 tal-Kap 9 u ghalhekk f'artikolu tal-ligi mhux ordnat mill-Avukat Generali u mkien allegat jew b'xi mod

remot imsemmi fl-atti processwali oltre li naqset milli tindika l-artikolu 216 li dwaru ukoll instab hati. L-artikolu 217 jirreferi ghall-offiza gravi maghmula b'arma jew stument li jaqta jew li jniggez. Dan, igib mieghu in-nullita' tas-sentenza appellata stante li mhix konformi mar-rekwiziti ravvizati fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali sollevabbli *ex officio* stante li hija kwistjoni ta' ordni pubbliku. Ghalhekk qed tannulla s-sentenza appellata u tirrevokaha fl-intier taghha u fit-termini tal-artikolu 428(3) tal-Kap 9 ser tiddeciedi mill-gdid fuq il-mertu. Konsegwentement ukoll, l-aggravji tal-appell issa ghandhom jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza;

6. Fil-mertu, in succint, jemergi illi l-appellant u l-parte civile jiggestixxu xi hwienet u fondi kull wiehed fl-istess pjazza fuq il-gzira ta' Ghawdex. Dak li jidher li ta lok ghall-kwisjtoni odjern kien xi ftit hmieg li haddiema tas-sezzjoni tad-drenagg hallew f'parti tal-pjazza fejn l-appellant u l-parte civili ghandhom il-hwienet taghhom. L-appellant jghid li dan il-hmieg thalla mal-faccata ta' fond tal-parte civile izda aktar tard sabu mal-faccata tal-hanut tieghu u ghalhekk kinsu lura fejn thalla originarjament. Il-parte civile tiggestixxi l-istabiliment ta' faccata dak tal-appellant u ghandha fond iehor fi stadju ta' rrangar, li ma tuzax, li jmiss ma' dak tal-appellant u ghandha verzjoni differenti ghal dak li gara izda finalment it-tnejn gew fl-idjen kif ser jirrizulta mill-ezami taz-zewg verzjonijiet u tax-xhieda;

7. Huma varji l-verzjonijiet sia dwar dak li kien deskritt mill-appellant bhala pala hmieg ta' drenagg li huwa residwu li hallew warajhom haddiema li kienu fethu xi sadd minn tappiera li tinsab quddiem il-fond tieghu u deskritt mill-parte civile bhala karti u trab residwu tal-festa tal-lejl ta' qabel. Jidher li dan il-hmieg beda jinkiness minn quddiem fond ghall-iehor mill-partijiet sakemm fl-ahhar inqala' diverbju li spicca billi t-tnejn gew fl-idejn u finalment quddiem il-Qorti;

8. Minn ezami mediku, Frank Tabone rrizulta li kellu qasma fuq il-kappell ta' ghajnejh (eyelid) tax-xellug, qasma fuq imniehru, ksur tal-ghadam tal-imnieher u diversi brix fuq drieghu izda mhux fuq idejh. L-appellant kien ukoll ezaminat medikament u rrizulta jsofri minn *blunt trauma* fuq is-snien ta' quddiem ta' fuq li kienu qed jiccaqalqu;

9. **Francis Tabone**, xehed li fil-jum tal-incident ra li l-appellant kien qed inaddaf il-hanut tieghu u talbu biex jekk ikun ser inaddaf, jigbor ukoll xi hmieg li kien hemm halli ma jergax jigi quddiem il-hanut tieghu anke ghaliex il-jum ta' qabel kien ha battikata inaddaf l-hmieg li kien ingemgha mill-lejl precedenti. L-appellant beda jghajjat u l-kwisjtoni spiccat hemm u l-hmieg baqa' hemm. Madwar saghtejn wara Tabone mar inaddaf xi karti tal-festa, tajn u xorb u tidlik li kien hemm mal-bieb tal-hanut mhux uzat ta' ohtu bil-hsieb li jarmi dan l-imbarazz fil-hanut tieghu stess izda proprju dak il-hin ghajjatlu xi hadd u halla kollox hemm, igifieri quddiem il-hanut ta' ohtu li jigi jmiss mal-hanut tal-appellant. Ftit wara ra lill-appellant jisposta l-hmieg u wissieh li dak kien qieghed quddiem il-hanut tieghu (ta' ohtu) u li jekk ma kienx fi hsiebu jigbru kellu jhallih hemm;

10. Tabone spjega li appena avvicina lill-appellant, dan dar fuqu "*qalali daqqa go wicci u rieghdni. .... Baqa' gej u imbuttani u tefghani fuq il-qasrija tieghu..*" (fol 93). L-appellant inzamm minn tlett minn nies li dak il-hin kienu qed jixorbu (mhux indikat f'liema hanut). Jinnega li ta' xi daqqa lill-appellant;

11. Skond **l-imputat,** l-incident gara l-ghada tal-festa ta' San Gorg meta allura l-hanut tieghu jkun mghaluq biex isir it-tindif. Huwa nnota li kien hemm problema fis-sistema ta' drenagg tal-pjazza ta' San Gorg u ghamel rapport. Il-problema ssewwiet izda l-haddiema hallew pala hmieg ta' drenagg quddiem bieb ta' hanut li jigi magenbu kif spjegat *supra*. Aktar tard matul il-jum Tabone wasal fuq il-post u talab lill-appellant biex inehhi dak il-hmieg

minn quddiem hwejjgu izda dan irrifjuta ghaliex ma kienx responsabbli ghalih hu;

12. L-imputat spjega kif aktar tard, Tabone u ibnu qabdu din il-pala hmieg u trasportawha madwar 30 metru ghal quddiem il-hanut tal-appellant fejn imbaghad l-appellant ddecieda li jiknes l-imbarazz ghall quddiem il-bibien tal-fondi mhux funzjonanti tal-parte civile. Appena ra hekk, il-parte civile irranka ghal-fuqu fi hwejjgu u refa idejh fuq l-appellant li malli hass daqqa ma wiccu rreagixxa u ddefenda lilu nnifsu. Kawza ta' dan l-appellant sofra offizi fi snienu u ghadu jircievi kura ghalihom;

13. Impjegata tal-appellant, **Branca Ibrahimovic**, xehedet illi dak il-hin kienet fuq gewwa tal-hanut tahsel xi kikkri u semghat xi ghajjat izda ma tafx x'kien qed jinghad ghaliex ma tifhimx bl-ilsien Malti. Meta harget rat lill-Francis Tabone mal-art bid-demm ma' wiccu;

14. **Charles Mizzi,** li kien jinsab Ghawdex fuq btala, kien qieghed madwar mejda fil-parti esterna tal-hanut tal-appellant flimkien ma' tlett neputijiet tieghu, sema kommossjoni warajh izda kulma ra kien lill-Francis Tabone bil-wieqfa bid-demm ma' wiccu. Ra lill-appellant ftit 'l boghod minnu u flimkien man-neputijiet ppruvaw izommuhom 'l hinn minn xulxin. Qabel dan ma kienx ra lill-appellant ghaliex kien qieghed bilqieghda b'harstu lejn il-knisja;

15. **Aaron Cini** ddeskriva kif kien flimkien ma' ohrajn, inkluz ix-xhud Mizzi, qed jixorbu fil-hanut tal-appellant, semghu xi ghajjat, harsu u raw tnejn jimbuttaw lil xulxin, f'daqqa wahda ggieldu u allura marru fuqhom u firduhom u ra lil Tabone kollu demm. Qabel l-incidnet ma kienx ra lill-imputat minkejja li kien ilu madwar dik il-mejda u lill-parte civile qatt ma rah mal-art. Hu u iehor zammew lill-imputat u haduh f'parti tal-pjazza u ohrajn ghamlu l-istess ma' Tabone. Dan ix-xhud jghid li ma ra ebda siggu f'idejn Tabone;

16. **Anton Cini**, iehor minn dawk madwar l-istess mejda kkonferma li f'hin minnhom semgha ghajjat u x'hin hares lura ra

lill-partijiet jillitikaw u qishom qed jippruvaw jaqbdu f'xulxin segwit b'xi daqqiet miz-zewg nahat kollox fi ftit sekondi. Lil dan ix-xhud kien suggerit li kien l-imputat li resaq lejn Tabone u tah daqqa bil-minkeb izda spjega li hu ra lill-Dione Lautier fin-naha tal-hanut tieghu u ra lill-Tabone gej jigri minn naha 'l ohra u jghajjat u imbaghad qishom qabdu flimkien u ra lit-tnejn li huma jippruvaw jaghtu lil xulxin. Rilevanti ukoll li dan ix-xhud sema lill-Tabone jghid lill-imputat riferibilment ghal hmieg li kien hemm "jew se tigbru jew hallih hemmhekk";

17. **George Sam Mizzi** minn naha tieghu sema l-ghajjat u ra lill-partijiet mqabbdin f'xulxin izda ma ra ebda daqqiet gejjin minn wiehed jew mill-iehor. Hu kien wiehed minn dawk li zammew lill-imputat u jghid li ra lill-Tabone mal-art izda t-tnejn li huma kienu mizmuma u mifrudin minn nies u familjari;

18. **Dennis Tabone**, iben il-parte civile ukoll xehed f'dawn il-proceduri u provda dettalji hafna aktar minn missieru li kien direttament involut fl-akkadut. Hu spjega kif "*l-bniedem, jigifieri Dione, beda jidher aggressiv minn wara nofsinhar. Wara li ghamilna jigifieri l-pa wara li ghamilna gurnata jigifieri ghax kellu problema fid-drenagg u dahal it-trakk tad-drenagg biex ikun jista jifthu, hu beda jahsel u kien hemm dan il-<u>munzell zibel quddiem il-hwienet taghna</u>...*" [sottolinar tal-Qorti] – (fol 58). Appena missieru kellem lill-imputat bil-kelma t-tajba biex jigbor dan il-hmieg, l-imputat beda jgerger, jghajjat u jidghi. Missieru telaq u rega rritorna wara l-4.30pm u z-zibel kien ghadu hemm u kinsu ftit aktar 'l fuq li jigi dejjem quddiem wiehed mill-hwienet taghhom. Lautier staqsa wahda mill-impjegati tieghu min kien tefa l-hmieg hemmhekk u indikat lil sid il-hanut t'isfel meta missieru gie lejn l-imputat b'pass normali u qallu li jekk ma kienx ser jigbru ghandu jhallih hemm biex jigbru hu (l-parte civile);

19. Bin Tabone spjega ukoll illi "f'hin minnhom hekk bla dan ta' xejn tela' fuq ponot subghajh, dar ghall-pa u tah daqqa b'minkbu.

Fil-fatt ghamillu dak li ghamillu. Ma kienx kuntent wara li tah daqqa b'minkbu, imbuttah", (fol 58), u missieru ma setghax ikompli u kwazi ntilef minn sensieh (in kontro ezami jghid li intilef minn sensieh). Jghid ukoll li l-appellant tant ma kienx kuntenti li qeleb qasrija u mejda minn tieghu stess u kien ser jibqa' jtih bis-siggu li ma zammewhx in-nies. Missieru spicca bid-demm ma' wiccu u ghajnejh ma jidrhux. Ix-xhud innega li l-kwistjoni kienet fuq il-hmieg tad-drenagg, igifieri li dak kien responsabbli ghalih l-imputat, izda fuq munzell karti mimlija hmieg. Imbaghad jghid li kienu zewg munzelli hmieg quddiem il-bieb numru 17 li huwa taz-zija tieghu u tefghu quddiem in-numru 19 li huwa ta' missieru u li jigi jmiss mal-hanut tal-appellant. In kontro-ezami ix-xhud jghid li appena missieru qal lill-imputat li kien ser jigbor iz-zibel hu, Lautier ma tahx cans u tah daqqa ta' minkeb. Jerga jzid dettall li Lautier tefa lil missieru fuq mejda u waqt li kien mal-art l-imputat qabad siggu u pprova jaghtih bis-siggu. Ix-xhud jinnega ukoll li missieru qatt ta xi daqqa f'wicc l-imputat f'dan l-incident;

20. Skond dan ix-xhud, meta missieru qasam il-pjazza kien qieghed mal-electrician ghaliex riedu jbiddillu xi bozoz u l-istess electrician huwa xhud tal-incident kollu. Dennis Tabone rega zied dettall iehor in kontro-ezami meta qal li Lautier esklama ma' missieru is-segwenti: "Jien ilni ghalik erba' snin specjalment din l-ahhar sena";

21. Is-Surgent 1407 Frank Tabone, xehed illi huwa kien kellem lix-xhieda kollha prezenti waqt l-incident fosthom lill-wahda mill-impjegati tal-imputat, certu Elsa Unar, li stqarret mieghu hekk: I was at the bar at "Grapes Wine Bar" and I saw another man came and put some dirt near the tables and the man ran away. And then Dione came to me and told me 'What is this?' and the man came back and Dione punched him in the nose and face";

22. Mill-verzjonijiet u deposizjonijiet appena rikaptati, dik tas-Surgent 1407 fejn jirraporta dak li qalet Elsa Unar ser tkun

skartata ghaliex din ix-xhud qatt ma ddeponiet quddiem il-Qorti u ma ngiebet ebda raguni in rigward. L-incident sehh fid-19 ta' Lulju, 2016, kien investigat dakinhar stess u l-appellant tressaq il-Qorti proprju l-ghada bit-tieni seduta tinzamm fil-21 ta' Lulju, 2016 fejn ddeponew diversi xhieda hlief Elsa Unar li jekk, ghal grazzja tal-argument, kellha thalli l-gzira certament messha ingiebet bhala xhud fl-ewwel jew it-tieni seduta tal-kumpilazzjoni mizmuma jum u tnejn wara l-incident. Jekk din kienitx skartata jew le mill-ewwel Qorti ma jistghax jinghad ghaliex is-sentenza appellata ma fijhiex l-icken sembjanza ta' motivazzjoni ghaliex l-imputat instab hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;

23. Dan iwassal ghas-segwenti osservazzjoni. Fil-parti tas-sentenza intestata KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI, l-ewwel Qorti ghaddiet minnufih biex ticcita sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali dwar sfregju u ohra dwar min irid finalment jiggudika dwar in-natura tal- offiza fuq il-persuna. Minkejja dan, l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda osservazzjoni u wisq anqas ma waslet ghall-konkluzzjoni dwar in-natura tal-offiza sofferta mill-parte civile ghajr id-dikjarazzjoni ta' htija fil-parti intestata DECIDE. Minn hemm ghaddiet biex ticcita sentenza li tfisser id-differenza bejn il-legittima difeza u l-provokazzjoni u jidher li kkonkludiet illi ma kienx kaz ta' legittima difeza imma wiehed ta' provokazzjoni ghaliex kien kaz ta' "perikolu anticipat";

24. Bid-dovut rigward mhux l-iccitar ta' sentenzi li jiddeterminaw il-htija jew liberatorja tal-imputat izda l-ezami tal-fatti bl-ghajnuna, jekk ikun hemm bzonn tal-insenjament emergent mis-sentenza;

25. Meta imbaghad ezaminat l-elementi tal-provokazzjoni, l-ewwel Qorti rragjonat illi dan l-incident kien jikkonsisti f'zewg incidenti li sehhew f'hinijiet diversi tal-gurnata b'mod allura li l-imputat ma messux kellu dik ir-reazzjoni vjolenti versu l-parte civile u kkonkludiet li ma kienx jezistu l-estremi tal-provokazzjoni.

Din il-Qorti ma tistghax tifhem kif dik tal-ewwel grad waslet ghal din il-konkluzzjoni u dan ghaliex hija priva minn kwalsiasi motivazzjoni. Issa, ghalkemm fis-sistema penali taghna, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jehtieg li sentenza jkun fiha l-fatti li taghhom l-imputat ikun instab hati, dan kien interpretat b'mod li l-vot tal-ligi jkun sodisfatt kemm il-darba l-Qorti tghid x'kienu l-fatti imputati u jekk tkun rriproduciet l-imputazzjonijiet fic-charge sheet. (Il-Pulizija vs Grazio Scicluna App Krim 142/2003 18.3.2004; Il-Pulizija vs Albert Caruana App Krim 120/2015 30.1.2017). Ghalhekk ghalkemm l-indikazzjoni tal-fatti biss huwa gurisprudenzjalment korrett, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm tibdil fil-ligi biex jindirizza dan in-nuqqas, fi kliem iehor, li jkun tassattiv fuq il-Qorti li taghti r-ragunijiet taghha ghaliex tkun wasslet ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-htiega ilha tinhass ghal zmien twil u llum il-gurnata hija aktar indispensabbli konsegwenza tal-kompetenza u xorta ta' kawzi prosegwibbli quddiem il-Qrati tal-Magistrati. (Sejhiet simili gia saru minn din il-Qorti diversament preseduta fil-passat. Ara in rigward: Il-Pulizija vs Ommisis App Krim 372/2006 21.6.2007);

26. Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar x'setghu kienu il-motivazzjonijiet tal-ewwel Qorti li tiskarta kompletament it-tezi tal-legittima difeza u/jew dik tal-provokazzjoni u meta tqis li hemm daqstant fatti kontrastanti minghajr ma almenu ssemma ghaliex verzjoni hija aktar kredibbli minn ohra, din il-Qorti ikkollha tikkonkludi li s-sentenza tal-ewwel Qorti kienet radikata mir-rizultat tal-incident, igifieri kienet impressjonata mill-offizi sofferti mill-parte civile. Ghalhekk ser tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-provi rakkolti;

Ikkunsidrat:

27. Kif gia spjegat aktar 'l fuq, il-parte civile jghid illi fis-

semplicita' tieghu il-kwistjoni kollha kienet li huwa kines xi materjal ta' karti ghal quddiem fond li huwa ta' ohtu, pero' imiss ma' tal-imputat, bl-iskop li jigbru u jarmieh fi hwejgu izda sejjahlu xi hadd u ghalhekk halla dan il-hmieg hemmhekk. Meta gie lura ra lill-imputat jiknes l-istess aktar 'l isfel tal-faccata u talbu li jew jigbru jew ihallih hemm biex jigbru l-istess parte civile. L-appellant irvella u tah daqqa ta' ponn f'wiccu, kompla jaghmel ghalih u li ma qabadx siggu biex jiddefendi ruhu minn mal-art l-imputat kien jibqa jtih;

28. L-imputat appellant, izda, ghandu verzjoni ohra u jghid li hu sab munzell hmieg ta' drenagg mat-tarf tal-faccata tieghu li qabel thalliet mill-haddiem tal-Water Services mal-faccata tal-fond tal-parte civile wara li dawn nehhew xi sadd li kien kemm fis-sistema ta' drenagg. Meta beda jikinsu ghal fejn kien, gie l-parte civile b'girja, qallu biex ihallih hemm u tah daqqa ta' ponn fi snienu u hu rreagixxa billi tah daqqa ta' ponn lura;

29. Issa, iben il-parte civile ikompli izid il-konfuzzjoni f'dawn il-verzjonijiet meta jghid li missieru kien qed ikellem lill-imputat meta dan tela fuq il-ponot ta' subajh u ta' daqqa bil-minkeb f'wicc missieru li bid-daqqa tefghu fuq mejda, qalibha b'kollox u spicca mal-art mitluf minn sensieh u kellu jinzamm minn nies biex ma jkomplix itih. Missieru ma jghid xejn minn dan, anzi jghid li baqa' lucidu bizzejjed biex iddefenda ruhu b'siggu. Jghid li qala' daqqiet f'ghajnejh it-tnejn b'mod li ma kienux jidru meta fil-fatt hija ghajn wahda li kienet affetwata. L-imputat huwa bniedem ferm itwal mill-parte civile izda, skond ix-xhud, kellu jitla fuq il-ponot ta' subghajh biex jagredixxi lil missieru;

30. Ix-xhud ma kellux ghalfejn jaghti lill-Qorti dawn l-isfumaturi biex isahhah il-verzjoni ta' missieru li jghid li qatt ma kien hemm kwistjonijiet bejniethom izda mhux l-istess skond ibnu. Il-missier jirreferi ghal-pala hmieg ta' karti u trab u l-iben jghid li dawn kienu zewg munzelli hmieg mal-hajt tal-fond taghhom liema

hmieg kellu riha li skond hu ahjar ma jiddiskrevihiex – l-istess pala hmieg din li l-missier ried li jarmi fi hwejgu. Ix-xhud jghid li kien ilu gurnata shiha jissaporti intejjen, caflis u nemus minhabba l-ftuh tas-sadd ta' drenagg fil-pjazza u fl-istess waqt l-missier jghid li tal-Water Services ma hallew ebda hmieg warajhom. Jghid ukoll illi xhud tal-incident kollu u l-aggressjoni vjolenti tal-imputat huwa l-*electrician* ta' missieru li dak il-hin kien qed jaghmel xi xoghol ghalih u kien proprju mieghu meta qasam il-pjazza biex ibiddlu xi bozza. Dan l-*electrician*, izda, baqa' qatt ma ngieb biex jinstemgha mill-Qorti u anqas kien indikat mis-Surgent bhala persuna xhud tal-incident bhal fil-kaz tal-ohrjan kollha. L-istess xhud li qabel id-daqqa, l-imputat qal lil-missieru li kien ilu ghalih izda l-missier ma jghid xejn minn dan;

31. L-imputat jammetti li kien hu li ta' d-daqqa lill-parte civile, izda b'reazzjoni tad-daqqa li xejjirrlu l-istess parte civile li biha caqlaqlu s-snien ta' quddiem. L-parte civile ma jsemmi xejn dwar dan u mistoqsi jekk kienx xejjer xi daqqa f'wicc l-imputat jghid: "*Jiena xhin kien, xhin idejja kienet ma' wiccu rajt dak id-demm lanqas naf jien xi stajt naghmel. Mela jiena stajt inxejjirrlu daqqa meta kelli idejja kollha demm u kont f'dak l-istat!*" (fol 94). Aktar tard jichad kategorikament li agreddix lill-appellant (fol 100).

32. Mid-deposizzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, sintesi taghhom riprodotta aktar 'l fuq, jemergi illi dan l-incident sehh f'affari ta' ftit sekondi. Anton Cini, izda, xehed illi meta hares biex jara x'kienet il-kommossjoni, ra lill-partijiet jllitikaw u qishom qed jippruvaw jaqbdu f'xulxin segwit b'xi daqqiet miz-zewg nahat kollox fi ftit sekondi. Lil dan ix-xhud kien suggerit li kien l-imputat li resaq lejn Tabone u tah daqqa bil-minkeb izda spjega li hu ra lill-Dione Lautier fin-naha tal-hanut tieghu u ra lill-Tabone gej jigri minn naha 'l ohra u jghajjat u imbaghad qishom qabdu flimkien u ra lit-tnejn li huma jippruvaw jaghtu lil xulxin;

33. Minn dan kollu din il-Qorti ikollha tikkonkludi li ma hemm l-

ebda konkluzzjoni ohra raggungibbli ghajr li l-imputat irreagixxa ghall-aggressjoni tal-parte civile wara li qala' daqqa fi snienu li skond Dr. Kevin Galea, la darba thalla jesprimi opinjoni mill-ewwel Qorti, kienet kompatibbli ma' daqqa' ta' ponn li l-parte civile konvenjentement ghazel li ma jitkellimx dwarha;

34. Issa, kif gia inghad, l-appellant mhux qed jinnega li ghamel din l-offiza fuq il-parte civile, izda jghid li ghamel hekk biex jiddefendi ruhu. Din it-tezi izda ser tkun skartata minnufh. Kif sorrett mill-gurisprudenza u awturi citati mill-istess appellant, sabiex tkun invokata b'success il-legittima difeza jehtieg li t-thedded, dannu, aggressjoni jew perikolu jkun <u>ingust, gravi u inevitabbli</u>, jew kif ravvizat fl-artikolu **223** tal-Kap 9 jekk l-offiza fuq il-persuna tkun: "<u>mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor</u>". L-provi ma jurux illi r-reazzjoni tal-appellant kienet l-unika xelta li kellu biex ma jibqax isofri l-aggressjoni tal-parte civile. Kien qieghed fi hwejgu, seta jallontana u ma kien hemm xejn x'jiddemostra li dak kien l-uniku mod kif seta waqqaf lill-parte civile milli jkompli jtih aktar daqqiet wara l-ewwel wahda. Anke d-differenza bejn l-istatura tal-partijiet kienet bizzejjed biex taghti x'tifhem li l-appellant seta evita s-sussegwenti konsegwenzi;

35. L-azzjoni tal-appellant tista' tkun klassifikata bhala rizultat ta' provokazzjoni kemm il-darba jokkorru l-elementi kollha ravvizati fil-ligi. Fil-ligi taghna, l-iskuzanti tal-provokazzjoni hija ammessa fil-kaz ta' omicidju volontarju jew offiza volontarja fuq il-persuna ex artikolu 227 u 230 tal-Kap 9 jew fl-artikolu 325 dwar hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor. Din iggib maghha mhux liberazzjoni izda diminuzzjoni fil-piena wara sejbien ta' htija. Skond l-artikolu 235, il-provokazzjoni ma tiswiex lil-hati jekk din ma tkunx sehhet fl-istess waqt tal-azzjoni provenjenti mill-parti offiza. L-ingredjent indispensabbli ghas-success ta' din l-iskuzanti hu li l-azzjoni provokanti u r-rejazzjoni ghaliha jridu jkunu sehhew

fl-istess waqt;

36. L-artikolu 227 li jitkellem dwar l-iskuzanti fl-omicidju u applikabbli ghal kaz ta' offiza volontarja fuq il-persuna bis-sahha tal-artikolu 230 li jipprovdi li l-offiza volontarja fuq il-persuna hi skuzabbli fil-kazijiet maghdudin bhala skuza ghall-omicidju volontarju fl-artikolu 227(a), (b), (c) u (d), jekk provokat minn delitt ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna. Harsa ghalhekk lejn l-artikolu 227 li jiskuza l-omicidju volontarju insibu li dak applikabbli ghal kwistjoni hawn skrutinata huwa s-subartikolu (a) li jipprovdi l-iskuzanti "jekk ikun provokat b'offiza gravi fuq il-persuna jew b'delitt iehor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suggett ghal piena ta' aktar minn sena prigunerija. Issa kwantu l-piena, l-artikolu 231 (1) (b) u (c) jipprovdu li akkuzat, u f'dan il-kaz imputat, jinsab hati, jehel piena ta' mhux izjed minn sitt xhur prigunerija jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 u prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur jekk tkun gravi minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218;

37. L-ewwel element indispensabbli ghall-invokazzjoni b'success tal-iskuzanti tal-provokazzjoni hu dak imsemmi fl-artikolu 325 li jipprovdi hekk: "Ma jiswiex lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza. (Incidentalment dan jghodd ukoll ghall-hsara volontarja meta tkun skuzabbli ex proviso tal-artikolu 325). Fil-kaz odjern, ir-rejazzjoni tal-appellant kienet wahda istantanea u ezegwita immedjatament malli qala d-daqqa mill-parte civile. Huwa hawn fejn tiddiffetta s-sentenza tal-ewwel Qorti meta, ghal xi raguni, kkonkludiet li din ir-rejazzjoni kienet dovuta ghal xi kummenti li inghadu bejn il-partijiet hin qabel l-akkadut;

38. It-tieni element jirrikjedi li r-rejazzjoni tkun provokata minn offiza gravi jew b'delitt kontra l-persuna suggetta ghal-piena ta' aktar minn sena prigunerija. L-azzjoni tal-parte civile certament tirrientra f'dawn il-parametri u ghalhekk anke dan l-element

jirrizulta pruvat;

39. Is-subartikolu (c) tal-artikolu 227 imbaghad jipprovdi illi sabiex provokazzjonijiet ohra jitqisu bhala skuzanti jehtieg li jissodisfaw ir-rekwiziti hemm msemmija fosthom li r-raguni ghall-dik l-azzjoni "kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Dwar dan gia inghad bizzejjed meta jitqies illi r-reazzjoni tal-appellant kienet wahda li tirreciproka s-sinistru inaspettat tal-parte civile u kienet reazzjoni naturali, ghalkemm mhix wahda kommendabbli

40. Ghalhekk din il-Qorti tista' serenement tikkonkludi illi fl-azzjoni tal-appellant kienu jezistu l-estremi tal-provokazzjoni u konsegwenti skuzanti skond il-ligi li l-ewwel Qorti naqset li tgharaf;.

41. Isegwi issa li jkun diskuss in-natura tal-offiza sofferta mill-parte civile ghal-fini tad-diminuzzjoni fil-piena skond l-artikolu 231(1)(b) jew (c) skond il-kaz. L-ewwel Qorti ma wasslet ghall-ebda konkluzzjoni dwar li l-offiza sofferta mill-parte civile kienet wahda gravissima fit-termini tal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Minkejja l-offizi ferm spjacevoli subiti mill-parte civile, meta l-ewwel Qorti talbet lit-tabib Michael Refalo jezamina seduta stante wicc il-parte civile, l-istess tabib jghid illi kwantu l-ksur fl-imnieher ikun jehtieg ezami li din il-Qorti tifhem li jikkonsisti f'tesijiet u x-rays, izda dwar xi marka fil-wicc qal li jista' jkun baqa' xi ftit marka taht l-ghajnejn u kellu jaghmel referenza ghac-certifikat minnu mahrug biex jikkonstata jekk kienx fil-fatt baqa' xi marka. Il-parte civile mkien ma jghid li qed isofri minn xi debulizza permanenti fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew difett permanenti jew sfregju gravi;

42. Ghalhekk ma jirrizultawx l-estremi tal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali izda certament jirrizultaw dawk fl-artikolu 216 u konsegwentement l-appellant hu soggett ghal dik il-piena ravvizata

fl-artikolu 231(1)(c) tal-kodici kriminali, igifieri ghal-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur;

43. Kwantu ghall-imputazzjoni tal-ksur ta' bon ordni, jirrizulta illi kawza tad-diverbju u konsegwenti affront bejn il-partijiet kien hemm dak li l-ligi tipprova tevita, igifieri l-istorbju u allarm u biza fil-pubbliku u ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata.

44. Ghal dawn ir-ragunijiet u wara li rat l-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9, qed issib lill-appellant hati ta' offiza gravi u volontarja fit-termini ta' dawk l-artikoli bl-iskuzanti tal-provokazzjoni ai termini tal-artikolu 230 tal-Kap 9 kif ukoll tal-artikolu 338 (dd) tal-istess Kap, izda mhix qed issib lill-appellant hati tal-estremi fl-artikolu 218 tal-Kap 9 u minnhom tilliberah;

45. Wara li rat il-fedina penali tal-appellant fejn jirrizultaw infrazzjonijiet multipli tal-licenzja tal-hanut tieghu, tqieghdu taht ordni ta' probation fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn mil-lum. Il-Qorti tirrakkomanda lill-Ufficjal tal-Probation li jsir kullma hu possibbli ghar-restituzzjoni tal-bon avvicinat bejn il-partijiet li jiggestixxu n-negozji taghhom vicin ta' xulxin;

46. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza.

Giovanni Grixti
Imhallef